VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,545, 11 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 74 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Teknoloġiji Aerospazjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (v) tal-Istatut għall-Istitut, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għat-Tekonoloġiji Aerospazjali; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew mill-1 ta' Frar 2016 'il quddiem.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom waħda minn dawn il-gradi li ġejjin:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri Ta' Fuq f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost, sakemm li l-Bord jaċċerta li l-applikant għandu livell ta' edukazzjoni b'saħħtu fil-qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost; jew

(b) grad ta' Master f'qasam ta' studju relatat mal-qasam tar-riċerka propost; jew

(ċ) kwalifiki li l-Bord iqis adegwati u komparabbli għall-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż is-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll li juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

5. Meta l-Bord iqis neċessarju, jista' jeħtieġ lill-istudenti biex itemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju matul l-istudji tagħhom, u/jew li jwettqu b'suċċess xogħol kif irrakkomandat mill-Bord, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

6. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra ta' Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, magħmul kif ġej:

Id-Direttur tal-Istitut jew id-delegat tiegħu, u
3 membri tal-Istaff Akkademiku

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat jista' jaħtar membri oħra minn Fakultajiet/Istituti oħra, li għandhom kwalifiki akkademiċi fil-livell tad-dottorat, jekk ikun neċessarju.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

7. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

8. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

9. (1) Wara 12–il xahar u mhux aktar tard minn 24 xahar ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti ta' studju *part-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport li jiddiskrivi x-xogħol tar-riċerka mwettaq għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* ikun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat u għandu jkun magħmul minn *chairman*, is-Superviżur Prinċipali u akkademiku b'kompetenza fil-qasam.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu l-ewwel jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

10. L-istudenti reġistrati fil-Istitut jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fir-riċerka u l-programmi ta' tagħlim tal-Istitut.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

11. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jażvaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

12. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

13. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

14. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' verżjoni elettronika. L-uffiċjal inkarigat mill-Istitut għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom, żewġ kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' verżjoni elettronika, li għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata ta' awtentiċità. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tal-Istitut. Il-verżjoni elettronika għandha tikkonforma mal-livelli stabbiliti mill-Librerija tal-Università ta' Malta. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.